MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Numru 533/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Abraham Zammit**
**vs**
**Anythony Cutajar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mijuba kontra **Anthony Cutajar** ta’ 36 sena, bin Saviour u Elaine nee’ Barker, imwieled Salford l-Ingilterra fl-20 ta’ Frar, 1966, residenti ELSAV, Triq Amabile Sisner, Fgura u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 429382(M);

Akkuzat talli fil-Fgura, nhar il-Hadd 21 t’April, 2002 ghal xi 8.00pm u fil-granet ta’ wara din id-data u hin:-

a) Bla ordni skond il-ligi t’awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li dihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestajt jew zammejt jew issekwestrajt lil

Marlene Paris kontra l-volonta’ taghha, liema delitt huwa aggravat billi l-istess Marlene Paris soffriet offiza fuq il-persuna taghha, kif ukoll giet imgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

b) Attentajt bil-vjolenza tikkommeti stupru fuq il-persuna ta’ Marlene Paris billi urejt dan il-hsieb b’atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ghal dan l-istupru, liema delitt ma giex konsmat minhabba li waqaft minn rajk;

c) Minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja fil-periklu car ikkagunajt feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marlene Paris skond kif iccertifika t-tabib Anton Bugeja MD;

d) Bil-hsieb li tellef jew tnaqqas gieh u twegga bi kliem, b’gesti, b’disinji jew b’xi mod iehor injurjajt lil Marlene Parnis;

e) Minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja fil-periklu car ikkagunajt feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Manuel Fenech skond kif iccertifika it-tabib M. Mallia MD;

f) Volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli ghad-dannu ta’ Manuel Fenech, liema ammont ta’ hsara ma tiskorriex hamsin [50] lira Maltin imma izjed minn ghaxar [10] liri Maltin;

g) Heddidt u hebbejt ghal Marlene Parnis u Manuel Fenech sabiex tinjurjhom, tinsulenthom u idejjaqhom;

h) Aktar talli f’Rahal Gdid fis-26 ta’ Settembru, 2002, kif ukoll fil-gimghat ta’ qabel u wara din id-data, b’diversi atti maghmulin minnek fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, uzajt xi nfrastruttura jew apparat ta’ telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew

inqast milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu jew minn provditur awtorizzat ghal uzu sew ta’ l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamilt uzu minnu mhux sew, billi dejjaqt lil Marlene Parnis;

i) Barra minn hekk talli sirt recediv skond l-Art 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi fis-26 t’April, 1996 Awla “5” u fis-26 ta’ Settembru, 1997 Awla “3”.

Il-Qorti hija mitluba illi barra li tapplika l-pieni stabilliti skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat dwar l-akkuzi kollha hlief l-ahhar akkuza;

Rat l-atti kollha tal-kawza komprizi d-dikumenti esebiti fi stadju precedenti;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu hlief ghall-ahhar akkuza li minnha qed tilliberah;

Rat l-artikoli 87 (c)(g), 198, 41(1)(a), 214 sa 218, 221, 325(a), 252, 229 (d)(e), 18, 31, 20, 23 (17(b)(c), 39(1)(d) u 339 tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tmintax-il xahar (18) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erba (4) snin mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 oltre li tqieghdu taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghal-zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28G tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

Stante li l-avukat generali ma tax il-kunsens tieghu ghall-procediment ta’ din il-kawza bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat gererali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------